2025/2047

8.10.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2047

## tad-29 ta' Settembru 2025

## li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika [1] (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 [2] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

(2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor [3], li jifforma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tiegħu (il-"Kumitat Konġunt") għandu s-setgħa jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.

(3) Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4] huwa att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor. Dan ma japplikax għall-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament.

(4) Il-Kumitat Konġunt, fil-laqgħa tiegħu li jmiss, jenħtieġ li jadotta deċiżjoni skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor li żżid dak l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 36 tiegħu, mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

(5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-"Kumitat Konġunt") hija stabbilita fl-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2020/135/oj).

[3] Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

[4] Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L, 2024/3015, 12.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3015/oj).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Settembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BØDSKOV

ABBOZZ

# DEĊIŻJONI NRU …/2025 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ MILL-UNJONI EWROPEA U MILL-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA

**ta' …**

**li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor**

Il-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([1]) (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor ([2]),

Billi:

(1) L-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor jagħti s-setgħa lill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-"Kumitat Konġunt") jadotta deċiżjonijiet li jżidu atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor.

(2) Skont l-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt huma vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jimplimentaw tali deċiżjonijiet, li jkollhom l-istess effett legali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(3) Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) huwa att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor. Dan ma japplikax għall-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 36 tiegħu, għandu jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor taħt il-punt 47 "Oħrajn".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …, …

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-Kopresidenti*

([1]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

([2]) Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2024/3015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 dwar il-projbizzjoni ta' prodotti magħmulin b'xogħol furzat fis-suq tal-Unjoni u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU L, 2024/3015, 12.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3015/oj).